# L-Għanijiet Prinċipali tar-Reliġjon

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

بِسۡمِ اللّٰہِ الرَّحۡمٰنِ الرَّحِیۡمِ

**F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin**

Ħażrat Mirża Bashir-ud-Din Maħmood Aħmad[ra], it-Tieni Kalif tal-Komunità Aħmadija (*Ahmadiyya*) Musulmana, jgħid:

Hemm erba' għanijiet prinċipali fir-reliġjon:

1. L-ewwel għan tar-reliġjon huwa li tgħallem lill-bniedem dwar is-sors tiegħu, jiġifieri, li tfornih bit-tagħrif ġust dwar il-Ħallieq tiegħu, ħalli ma jkunx eskluż milli japprofitta mis-sors Divin li jħaddan kull poter u qawwa, u ma jibqax nieqes mill-għarfien dwar l-għan tal-eżistenza tiegħu, li tista' titfisser biss mill-Ħallieq innifsu. Għal dan il-għan hemm bżonn li jitfissru dawn l-erba' affarijiet:

    (a) il-persuna u l-attributi ta' Alla;

    (b) in-natura tar-relazzjoni tal-bniedem ma' Alla;

    (ċ) il-mod kif għandha tiżviluppa din ir-relazzjoni, u r-responsabbiltajiet mogħtija lill-bniedem minn Alla;

    (d) il-mezz ta' kif il-bniedem jilħaq lil Alla u jissodisfa x-xewqa għal unjoni Miegħu; u r-realizzazzjoni prattika ta' dan il-għan f'din il-ħajja ħalli l-bniedem ikun jista' jisboq l-istadju tad-dubju u jilħaq iċ-ċertezza li tikkonċerna lil Alla.

2. It-tieni għan tar-reliġjon huwa li din tipprovdi kodiċi kompleta ta' regoli ta' mġiba morali. Għal dan il-għan, għal darba oħra, huwa neċessarju li jitfissru dawn is-seba' affarijiet:

    (a) X'inhuma l-prinċipji tajba?

    (b) X'inhuma l-prinċipji ħżiena?

(ċ) L-istadji differenti ta’ prinċipji tajba?

(d) L-istadji differenti ta’ prinċipji ħżiena?

(e) Għalfejn prinċipji partikolari jissejħu tajba jew ħżiena?

(f) Il-mezzi ta’ kif wieħed jikseb prinċipji tajba.

(ġ) Il-mezzi ta’ kif wieħed jevita prinċipji ħżiena.

3. It-tielet għan tar-reliġjon huwa li din tipprovdi soluzzjoni għall-problemi soċjali li jaffaċċja l-bniedem. Minħabba li l-bniedem fin-natura tiegħu huwa soċjali, huwa neċessarju li r-reliġjon issawwar prinċipji bażiċi li jirregolaw l-imġiba soċjali tiegħu fejn jiġu stabbiliti l-paċi u l-ordni u tipi u klassijiet differenti ta’ nies ikunu kuntenti bid-drittijiet u l-privileġġi rispettivi kollha tagħhom, u ħadd minnhom konxjament, jew inkonxjament, m’għandu jxekkel lil ta’ ħaddieħor. Ftit ħsieb juri li r-regoli tat-tħaddim tas-soċjetà jistgħu jiġu fformulati b’mod ġust minn Alla biss, għaliex l-ebda bniedem jew klassi ta’ bnedmin, minħabba l-indħil ta’ interessi personali, m’għandu fil-pussess tiegħu dik il-viżjoni wiesgħa li hija attribut neċessarju għal dan il-għan. Id-dikjarar ta’ dawn il-prinċipji, għalhekk, li fuqhom għandha titwaqqaf is-soċjetà umana huwa wieħed mill-funzjonijiet importanti tar-reliġjon, u reliġjon li tfalli f’dan ir-rispett bilkemm jistħoqqilha li tissejjaħ b’dak l-isem. Għal dan il-għan huwa neċessarju li reliġjon tagħmel enfasi fuq dawn l-affarijiet li ġejjin:

(a) Relazzjonijiet domestiċi, jiġifieri d-drittijiet ta’ relazzjonijiet *inter se*, dan ikun l-ewwel stadju tas-soċjetà umana;

(b) Id-drittijiet u d-dmirijiet taċ-ċittadini u kif dawn jiġu mfissra bl-aħjar mod;

(ċ) Ir-relazzjoni bejn is-sid u l-qaddej, il-ħakkiema u l-maħkumin, u s-sinjuri u l-fqar;

(d) Ir-relazzjonijiet bejn is-segwaċi ta’ reliġjon u dawk ta’ oħra, u s-sudditi ta’ gvern u dawk ta’ ieħor.

4. Ir-raba' għan tar-reliġjon huwa li din tispjega t-tmiem tal-bniedem, jiġifieri, x'jiġri minnu wara mewtu. Għal dan il-għan huwa neċessarju li jitfissru:

(a) Hemm ħajja wara l-mewt? U jekk iva, fiex tikkonsisti?

(b) Jekk hemm il-ħajja wara l-mewt, din hija suġġetta għall-uġigħ u għall-pjaċir?

(ċ) Jekk hija suġġetta, x'natura għandhom dawn is-sentimenti ta' wġigħ u pjaċir?

(d) Ikun possibbli għall-bniedem li jaqleb mill-ħażin għat-tajjeb wara mewtu? U jekk iva, kif?

Hija biss valutazzjoni tat-tagħlim ta' reliġjon dwar dawn l-erba' għanijiet li tista' tgħinna biex naslu għal stima tal-valur ġenwin ta' dik ir-reliġjon.[1]

L-Iżlam huwa twemmin ġenwin u ħaj. L-Iżlam waħdu jissodisfa għalkollox dawn l-erba' għanijiet. Dawk li jistudjaw il-Quran (Koran) Imqaddes – it-tagħlim Divin tal-Iżlam – bir-reqqa għandhom ikunu konvinti li t-tagħlim tal-Iżlam ifornihom bl-għarfien korrett dwar Alla, il-moralità, l-imġiba soċjali u l-ispiritwalità.

## Il-Quran Imqaddes jissodisfa dawn l-għanijiet

Il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana, Ħażrat Mirża Ghulam (Gulam) Aħmad[as], il-Messija Mwiegħed, jgħid:

> Nixtieq inwassal din lil kulħadd li l-Quran Imqaddes huwa l-Ktieb li jissodisfa dawn il-bżonnijiet. Bis-saħħa tiegħu, persuna toqrob lejn Alla u qalbha tiksaħ għall-imħabba lejn id-dinja...
>
> Il-Quran Imqaddes jiġbed lejh il-fidil ġenwin bis-saħħa tal-

effett spiritwali tiegħu u bid-dawl inerenti tiegħu, u jixgħellu qalbu, u mbagħad, bil-wiri ta' sinjali kbar, joħloq relazzjoni tant b'saħħitha ma' Alla li din ma tkunx tista' tinqata' f'biċċtejn minn xabla li taqta'. Huwa jiftaħ l-għajn tal-qalb, iwarrab il-frott maħmuġ tad-dnub, jonora lil dak li jkun bil-konverżazzjoni ħelwa ma' Alla, jikxef dak li hu moħbi u jgħin fl-aċċettazzjoni tat-talb u jagħti informazzjoni dwaru. Alla l-Omnipotenti, permezz tas-sinjali tal-għaġeb tiegħu, juri lil dawk kollha li jopponu lil xi dixxiplu ġenwin tal-Quran Imqaddes li Huwa qiegħed ma' dak il-qaddej Tiegħu li jimxi wara l-Kelma Tiegħu.[2]

## Il-Barkiet tal-Iżlam

Il-Messija Mwiegħed[as] jgħid:

Issa nixtieq nelabora aktar dwar il-frott tal-Iżlam. Ejja nagħmluha ċara li meta dixxiplu ġenwin jgħix l-Iżlam fit-totalità tiegħu, u kull waħda mill-fakultajiet tiegħu, mingħajr affettazzjoni jew pretenzjoni, tibda spontanjament tirfes il-mogħdija ta' Alla l-Omnipotenti, ir-riżultat tal-isforzi tiegħu jkun li l-manifestazzjonijiet ogħla ta' gwida Divina, meħlusa mill-ostakli kollha li jistgħu jinqalgħu, iqarrbuh lejh. Tipi differenti ta' benedizzjonijiet jinżlu fuqu.

Il-kmandamenti u l-prinċipji, li ġew aċċettati permezz tal-fidi u tal-għajdut, issa huma mġarrba minnu bħala realtajiet u ċertezzi bis-saħħa ta' viżjonijiet ta' vera u rivelazzjoni definita u li mhix ambigwa. Il-misteri tal-fidi u tal-liġi huma rivelati lilu u jingħata dehra tas-saltna Divina ħalli huwa jkun jista' jasal għall-istadju ta' ċertezza u fehim perfetti.

Barka tagħti karattru lil ilsienu u lil kliemu u lill-għemejjel u 'l-movimenti kollha tiegħu. Jingħata kuraġġ u sodizza straordinarja u l-fehim tiegħu jitkattar għal livell għoli. Il-

falliment karatteristiku tal-umanità, il-kattiverja, ix-xeħħa, it-tendenza għal ħafna żbalji, in-nuqqas ta' ħila li wieħed iħares fil-bogħod, il-ġibda lejn il-passjoni, l-imġiba ħażina u kull dalma fil-personalità tiegħu kollha jitneħħew għalkollox minnu u jimtela bid-dawl tal-attributi Divini.

Għaldaqstant, huwa jgħaddi minn bidla sħiħa u jitfa' fuqu l-libsa ta' twelid ġdid. Huwa jisma' bis-saħħa ta' Alla l-Omnipotenti, jara Minnu, jimxi Miegħu u jieqaf Miegħu. Ir-rabja tiegħu ssir il-korla ta' Alla l-Omnipotenti u l-ħniena tiegħu ssir il-ħniena ta' Alla l-Omnipotenti.[3]

Il-Messija Mwiegħed[as] jgħid:

L-Iżlam tant hija reliġjon imbierka u li twassal lejn Alla li jekk persuna ssegwiha sewwa u taġixxi fuq it-tagħlim, il-gwida u t-twissijiet li jinsabu fil-Kelma Qaddisa ta' Alla l-Omnipotenti, il-Quran Imqaddes, huwa jkun jista' jara lil Alla f'din l-istess ħajja.[4]

**Referenzi:**

1. *Ahmadiyyat Yani Haqiqi Islam*, *Anwarul-Ulum*, Vol. 8, pp. 133-135
2. Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], *Ruhani Khazain*, Vol. 23, pġ. 307-309
3. Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], *Ruhani Khazain*, Vol. 5, pġ. 226-230
4. Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], *Ruhani Khazain*, Vol. 21, p. 25
*Stampa: © shutterstock.com*

**ISBN: 978-99957-59-27-8**

"The Principal Objects of Religion"
in Maltese language.

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** +356 7932 0139 | **Tele:** +356 2734 2401
**Email:** amjmalta@gmail.com
www.ahmadiyya.org.mt

9 789995 759278